MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 6/1994/4

**Angelo Bartolo ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta' B & B Construction Limited**

**vs**

**Emmanuel Zammit**

Il-Qorti:

Rat il-libell ippresentat fil-11 ta' Marzu, 1994, minn Angelo Bartolo *nomine* li *in forza* tieghu, wara li gie premess illi:

(1) B'Citazzjoni numru 484/93/GMA prezentata quddiem din il-Qorti fl-20 ta' April, 1993, fil-kawza fl-ismijiet inversi, Emanuel Zammit, wara li ppremetta li inkariga lis-socjeta' konvenuta bhala kuntrattur biex jaghmillu xoghol ta' kostruzzjoni u *cioe'* gebel u konkos f'*Guest House*, *Pioneer Road, Bugibba*, skond ftehim esebit, u wara li

ppremetta illi skond l-istess ftehim il-kuntrattur kien intrabat li jlesti x-xoghol mit-13 ta’ Ottubru, 1988 sa mhux aktar tard mill-ahhar ta’ Frar, 1989 u li fin-nuqqas ihallas penali ta’ hamsin lira kuljum ghal kull gurnata izjed li jdum, u wara li ppremetta wkoll illi mic-certifikat tal-Perit Joseph Cassar il-konvenut lesta biss ix-xoghol fl-10 ta’ Dicembru, 1992, u ghalhekk wehel il-penali kif stipulat fl-istess kuntratt u li ghalkemm interpellah biex ihallas l-istess penali baqa’ inadempjenti, talab lil din il-Qorti biex (1) tillikwida l-penali minnhu dovuta skond il-ftehim minhabba d-dewmien taz-zmien fit-tlestija tal-kostruzzjoni u (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas il-penali hekk likwidata – bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali fuq l-istess penali sad-data tal-pagament effettiv;

(2) Din il-kawza giet deciza fl-14 ta’ Ottubru, 1993 bl-akkoljiment tat-talba attrici fil-kontumacja tal-esponenti tal-esponenti *nomine* kkundannatu jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm68,250 bl-ispejjez kontra l-istess esponenti *nomine*;

(3) Din is-sentenza giet ottenuta b’qerq mill-attur billi:-

(a) hu kien jaf illi fil-kors tax-xogholijiet saru varjazzjonijiet fil-pjanta originali li b’necessita’ kienu jirrikjedu estensjoni ta’ zmien minn dak pattwit ghat-tkomplija tax-xogholijiet u dan naqas li jirrilevah lil Qorti fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta’ Ottubru, 1993 quddiem dik il-Qorti;

(b) kien jaf ukoll illi ma kienx munit b’permess minnghand l-Awtorita’ kompetenti ghall-bini tal-*guest house*, liema permess inhareg biss f’Novembru, 1992. *Inoltre*, kien jaf ukoll illi sal-lum dan l-istess permess ghadu ma jkoprix l-istruttura kollha;

(c) kien jaf ukoll bil-fatt tal-kawza fl-ismijiet *“Angelo Bartolo nomine vs Emanuel Zammit”* (Citazzjoni numru 409/93/GMA) intavolata qabel dik tieghu u li fiha x-xhud il-Perit Joseph Cassar kien ga’ rrileva s-suesposti fatti fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta’ Gunju, 1993, f’dik il-kawza.

(4) Huwa veru li l-istanti ma deherx fil-kawza u lanqas ma ntavola eccezzjonijiet *stante* l-kontumacja tieghu izda dan ma kienx ifisser konfessjoni *da parte* tal-esponenti izda *se mai* kontumelja u dispett ghall-awtorita' tal-Qorti. Kien ghalhekk jinkombi b'dover lill-attur fil-kawza illi jirrileva l-fatti kollha u mhux jahbi l-fatti.

(5) Hekk ukoll ic-citazzjoni ma gietx regolarment notifikata lill-libellanti *nomine* billi din ma gietx notifikata lill-persuna (s-socjeta') li lilha messha giet notifikata *ai termini* tal-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-firmatarju fuq il-*pink card* huwa iben l-istess libellanti, persuna ta' cirka 15-il-sena, li lanqas hu persuna fis-servizz tas-socjeta' jew persuna awtorizzata mill-istess socjeta'. L-esponenti *nomine* lest jikkonferma bil-gurament illi din ic-citazzjoni qatt ma waslet ghandu. Kif jinsab ritenut l-iskop tan-notifika hu dak li ggib lill-persuna li ghandha tigi notifikata ghall-konjizzjoni tal-att intiz ghaliha.

(6) *Inoltre* r-riferta tal-Ufficcjal inkarigat minn notifika ma tispjegax inekwivokabilment lil min saret in-notifika u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 12, anke ghaliex l-istess riferta ma tispecifikax il-firmatarju fuq il-*pink card A B 2153*;

(7) *In effetti* l-esponenti *nomine* sar jaf bid-decizjoni profferita fil-konfront tieghu minn notifika lill-Avukat tieghu tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri fil-kawza per Citazzjoni numru 409/93/GMA prezentata fid-19 ta' Jannar, 1994;

(8) L-effetti legali ta' dawn il-fatti huma li skond il-ligi s-sentenza hawn impunjata hi soggetta ghar-ritrattazzjoni *a bazi* tal-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap. 12 billi:-

(a) fis-subartikolu (a) fil-kaz fejn sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara tal-ohra;

(b) fis-subartikolu (b) fejn insibu illi d-dritt tar-ritrattazzjoni hu rizervat meta c-citazzjoni ma tkunx giet

notifikata lill-parti telliefa, basta din il-parti tghid li ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret ghas-smiegh tal-kawza;

(9) Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jgib l-annessa malleverija skond il-ligi ghall-ispejjez ta' din il-procedura, u filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti u jirrizerva d-dritt li jipproduci l-provi tieghu kollha neccessarji, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja r-revoka jew thassir tas-sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru, 1993 fil-kawza fl-ismijiet *"Emanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited"* (Citazzjoni numru 484/93/GMA) *a tenur* tal-Artikolu 811 subincizi (a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra necessarji sabiex din il-kawza tigi mismugha u deciza, u fil-meritu tichad it-talbiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni surreferita *di fronta* ghall-istanti – bl-ispejjez kontra l-attur, biex b'hekk tigi amministrata l-gustizzja skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-libellat li fiha ecepixxa illi:

*In linea* preliminari, in-nullita' tal-libell billi l-okkju mhux tac-citazzjoni f'liema giet ottenuta s-sentenza *in kwistjoni*;

*In linea* preliminari, ukoll id-dekadenza tal-Libellant *stante* li ddekorra t-terminu f'liema setghat issir ir-ritrattazzjoni;

Fil-mertu illi ma kien hemm l-ebda frodi perpetrata mill-attur fl-otteniment tas-sentenza *in kwistjoni* u n-notifika tac-citazzjoni kienet wahda regolari u ma kien fiha l-ebda difett;

*Inoltre* s-sentenza kienet wahda gusta u timmerita konferma.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Gunju, 1999, li *in forza* taghha cahdet it-talba tal-libellant ghall-fini ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *"Emanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited"* (Citazzjoni numru

484/93/GMA) gia decisa fl-14 ta' Ottubru, 1993, bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu;

Rat l-appell interpost mil-libellant fit-28 ta' Gunju, 1999;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu, 2001, li bis-sahha taghha irrevokat is-sentenza appellata u hasret u irrevokat is-sentenza li tat l-allura Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru, 1993, fil-kawza fl-ismijiet *"Emanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited"* (Citazzjoni numru 484/93/GMA) u dan *a tenur* tal-artikolu 811 sub-inciz (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ordnat is-smiegh mill-gdid tal-kawza wara li l-istess socjeta' libellanti tigi debitament notifikata skond il-ligi bl-att tac-citazzjoni promottur tal-gudizzju; ordnat li l-atti jigi rimessi lil din il-Qorti biex il-kawza tkompli tinstema' fid-dawl ta' dan il-gudikat. L-ispejjez tal-appell kellhom jigi sopportati mill-konvenut libellat;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 2001, li *in forza* tieghu laqghet it-talba tal-libellat sabiex il-process tal-kawza numru 484/93 deciz fl-14 ta' Ottubru, 1993, jigi anness u sabiex ix-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti jigu kkonsidrati bhala parti f'din il-kawza;

Rat li kopja ta' dawk l-atti gew debitament inseriti fl-atti ta' din il-kawza;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar, 2004, fejn laqghet talba biex jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet *"Angelo Bartolo noe vs Emanuel Zammit"* (citazzjoni numru 409/1993) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000;

Rat l-atti ta' dak il-process allegat;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2002, li *in forza* tieghu din il-Qorti ordnat li l-provi mismugha fil-kors tas-smiegh

tal-libell ghar-ritrattazzjoni jitqiesu parti mill-atti ta' din il-kawza;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz, il-konvenut Emanuel Zammit ried jibni *guest house* f'*Pioneer Road, Bugibba*, u ghal dan il-progett inkariga lis-socjeta' B & B Construction Limited. Dan l-appalt inghata lill-kumpanija tramite kuntratt li gie iffirmat quddiem il-Perit Joseph Cassar. Fuq il-kuntratt, il-kuntrattur intrabat li jibda x-xoghol sa mhux aktar tard mit-13 ta' Ottubru, 1988 u jlesti x-xoghol kollu sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar tas-sena ta' wara, u fin-nuqqas il-kuntrattur ikollu jhallas penali ta' Lm50 kuljum ghal kull gurnata izjed li jdum. Irrizulta, *pero'*, li fil-fatt, ix-xoghol kollu tlesta fl-10 ta' Dicembru, 1992. Wara li lestiet ix-xoghol, is-socjeta' B & B Construction Limited kien fadlilha li tithallas is-somma ta' Lm18,000, ghal liema somma fethet kawza, li giet decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000. B'din is-sentenza, Emanuel Zammit kien gie ikkundannat ihallas lill-kuntrattur dik is-somma ta' Lm18,000 bhala bilanc tax-xoghol li sar.

Meta tlesta x-xoghol, Emanuel Zammit fetah kawza kontra l-kuntrattur ghall-hlas tal-penali stabbiliti fil-kuntratt tal-appalt. Dik il-kawza (citazzjoni numru 484/93) giet deciza fl-14 ta' Ottubru, 1993, bl-akkoljiment tat-talba fil-kontumacia tal-kuntrattur, li gie kkundannat ihallas lis-sid is-somma ta' Lm68,250 likwidata bhala penali.

Din l-ahhar imsemmija kawza giet deciza qabel ma giet decisa *in prima istanza* l-kawza istitwita mill-kuntrattur ghall-hlas tal-bilanc, tant li fil-kors ta' dik il-kawza, Emanuel Zammit ressaq eccezzjoni ulterjuri fejn ecepixxa l-kompensazzjoni fid-dawl tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 1993. Meta l-kuntrattur, *tramite* l-Avukat tieghu, gie

infurmat b'dan il-fatt, huwa ressaq dawn il-proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kawza li kienet giet decisa kontra tieghu, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell, bis-sentenza taghha tat-30 ta' Marzu, 2001, laqghet it-talba tal-kuntrattur, hasret is-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 1993 (fuq l-argument li s-socjeta' allura konvenuta ma kienetx giet notifikata kif titlob il-ligi), u ordnat is-smiegh mill-gdid tal-kawza li Emmanuel Zammit fetah kontra l-kuntrattur ghall-hlas tal-penali.

Bhala fatt, jista' jinghad, li jirrizulta li x-xoghol li kellu jitlesta fit-28 ta' Frar, 1989, tlesta fl-10 ta' Dicembru, 1992, u, ghaldaqstant, il-penali ekwivalenti ghall-tlett snin u disa' xhur tidher li hi *prima facie* dovuta. Il-kuntrattur qed jikkontesta l-hlas tal-penali fuq il-bazi li, fil-kors tax-xoghol, is-sid ziedlu sular iehor, u minhabba f'hekk, kellu jdum aktar milli kien ippjanat, u ghax ix-xoghol ma kienx kopert bil-permessi relattivi u l-Ministru Falzon kien qallu biex jieqaf mix-xogghol diment li ma kienux hargu l-permessi. Fuq dan, Emmanuel Zammit ma jaqbilx ghax jghid li l-appalt kien, mill-bidu nett, jikontempla 40 kamra li, necessarjament, ikopru hames sulari, kemm fil-fatt bnew, u qatt ma kien hemm zieda kbira fix-xoghol. Jghid ukoll li l-kwistjoni tal-permess kienet irrelevanti ghad-dewmien, peress li l-kuntrattur kien jaf li l-permess ma kienux ghadu hareg, izda xorta wahda accetta li jiffirma l-kuntratt u jibda' x-xoghol. Hu jghid ukoll li l-vera raguni ghad-dewmien kienet ic-cirkustanza li l-kuntrattur, fil-kors tax-xoghol, ha appalt iehor fl-*airport* li, probabbli, kien aktar vantaggjuz ghalih, u, allura, abbanduna l-appalt li kellu ma' Emanuel Zammit biex jintefa fuq il-kuntratt tal-*airport*.

Mill-provi jirrizulta li l-pjanta tal-progett kienet tikkontjeni erba' sulari, mhux hamsa, u kien *a bazi* ta' dik il-pjanta li intalab il-hrug tal-permess. Emanuel Zammit, *pero'*, jinsisti li, bejnu u l-kuntrattur, mill-bidu sar ftehim li l-*guest house* kellha tkun ta' erbghin kamra, bi tmien kmamar f'kull sular, liema ftehim necessarjament jikomprendi hames sulari. Jghid ukoll li l-*basement* kellu jkun maqsum fi tlett *garages*, izda wara tbiddel il-hsieb u sar *garage* wiehed kbir biex iservi bhala lok ghad-*disco.* Din il-bidla fil-hsieb kienet tfisser tnaqqis fix-xoghol, peress li ma

kienx ghad-fadal il-htiega ta’ hitan divizorji. Fuq dan, Emanuel Zammit hu karoborat minn martu.

Il-Perit Cassar, li kien inkarigat mix-xoghol, ma jghidx jekk il-ftehim kien ikopri 40 kamra, izda jghid biss li l-pjanta kienet ta’ erba’ sulari, u fil-fatt itellghu hames sulari, bl-ahhar sular *“ma kienx indikat fil-pjanta originali”*. Il-Perit Cassar jghid ukoll li r-raguni principali ghad-dewmien kien *“minhabba l-fatt li l-permess dam ma hareg”*, u ghax il-Ministru Falzon kien qal lill-kuntrattur biex jieqaf mix-xoghol sakemm jinhargu l-permessi. Il-permessi, fil-fatt, inhargu f’zewg stadji: l-ewwel wiehed hareg fis-27 ta’ Lulju, 1992, u l-iehor, biz-zieda tas-sular, fis-27 ta’ Novembru, 1992. Il-Perit Cassar jammetti li jaf li l-kuntrattur kien, *pero’*, mar jahdem fuq appalt iehor fl-*airport*, u dan ghax mhux biss mar ikellmu fuq il-lant tax-xoghol, imma kien ukoll kellmu diversi drabi fuq it-*telephone* dwar id-dewmien fl-appalt ta’ Emmanuel Zammit; il-kuntrattur kien jghidlu jew li dalwaqt kien se jmur ikompli, jew igiblu l-iskuza ta’ dak li qallu l-Ministru Falzon.

Jirrizulta wkoll, bhala fatt, li mill-Awtoritajiet kompetenti ma ittiehdu ebda passi formali, la kontra s-sid, la kontra l-kuntrattur, u lanqas kontra l-perit inkarigat mix-xoghol, biex jitwaqqaf ix-xoghol li kien qed issir bla permess, u lanqas ma ittiehdu passi b’rizultat tax-xoghol li kien qed isir bla permess. Fil-fatt, jirrizulta li l-permess ghall-hames sular hareg wara li kien tlesta x-xoghol.

Jirrizulta li l-kuntrattur, bhala fatt, kien ghamel zmien twil wieqaf mix-xoghol. Il-kuntrattur jaqbel li ghamel zmien wieqaf, izda jghid li hu kien waqaf ghax is-sid ma riedx ihallsu kemm talbu; hu jghid li kien fadallu xi gimghatejn jew tlett gimghat xoghol fuq is-sit, u ma kompliex ghax is-sid ma kellux flus biex ihallsu.

Din l-iskuza li ressaq il-kuntratt ma tidhirx verosimili. Fl-ewwel lok, ma urihx li s-sid kien fi stat finanzjarju hazin b’mod li ma setax ihallas, u, fit-tieni lok, jirrizulta li, tul il-kors tal-kostruzzjoni, is-sid ghamel diversi pagamenti lill-kuntrattur. Skond kont mahrug mill-perit Cassar, il-hlas

dovut lill-kuntrattur ghax-xoghol li kien lahaq ghamel, kien jilhaq ghal madwar Lm51,000, u irrizulta li s-sid kien gia hallsu Lm47,000 bhala pagamenti akkont. Dan mhux biss juri li s-sid ma kellux problemi finanzjarji, izda jindika hlas ta' aktar milli kien miftiehem fuq il-kuntratt. Skond il-kuntratt, is-sid kellu jhallas 75% tal-prezz max-xoghol li jkun sar, mentri fil-fatt, kif jirrizulta, s-sid kien hallas aktar minn hekk. *Kwindi*, il-kuntrattur ma kienx gustifikat li, fl-istadju li waqaf, jitlob aktar flus u jieqaf mix-xoghol, ghax ghax-xoghol li kien lahaq ghamel, kien inghata hlas aktar milli kien miftiehem, u l-hlas ghax-xoghol tal-ahhar sular kellu jsir wara li jitlesta x-xoghol, jew, skond il-ftehim, 75% kull xahar tax-xoghol li jkun sar.

Il-kuntrattur jallega wkoll li l-ahhar sular ma kienx kopert bil-permess, u waqaf jahdem fuqu wara li kien hekk qallu biex jaghmel il-Ministru Falzon. Il-kuntrattur, *pero'*, ghandu jiehu l-istruzzjonijiet tieghu mis-sid, u mhux minn xi Ministru, u dan apparti li l-kuntrattur ma ressaqx lil ex-Ministru Falzon biex jikkorrabora l-allegazzjoni tieghu. Fuq kollox, il-kuntrattur stess xehed li, fiz-zmien *in kwistjoni,* ma kienx hemm sikkatura dwar il-permess, u mhux l-ewwel darba li kienu jibnu *"imbaghad il-kwistjoni tal-permessi narawha wara"*.

*Kwindi,* ma tirrizulta ebda raguni valida ghalhiex il-kuntrattur kellu jieqaf mix-xoghol. Mix-xhieda tal-Perit Cassar, ma jirrizultax li l-kuntrattur qatt ilmenta mieghu li ma riedx imur ghax-xoghol minhabba xi hlasijiet neqsin; hu kien jghid li kellu jmur ikompli, izda baqa' ma marx. Il-Qorti, ghalhekk, tqies li l-penali patwita ghad-dewmien hija dovuta.

Mill-provi jirrizulta li l-ammont ta' penali dovut ilahhaq is-somma ta' Lm68,250. Skond l-artikolu 1122(1)(a) tal-Kodici Civili, il-Qorti tista' itaffi l-penali ghall-kaz biss li l-kreditur ikun accetta <u>espressament</u> il-bicca li giet esegwita. F'dan il-kaz, ghalkemm il-konvenut kien wettaq parti kbira mill-progett, kif xehed is-sid, il-bini kif kien ma setghax jintuza, u lanqas ma setgha juza l-parti t'isfel bhala *disco*, u dana peress li l-bini thalla mhux kompletat u ma setghax juza lanqas parti minnu. Hu jghid li ma

accettax dak li kien lahaq sar, ghax ried il-progett lest u mhux parti minnu; minhabba dewmien *da parti* tal-kuntrattur, hu tilef 3 snin xoghol mill-uzu tal-blokk.

Issa, skond il-ligi (artikolu 1122(1)(b)) f’kaz ta’ penali miftiehma ghall-dewmien, ma jistax isir tnaqqis fl-ammont tal-penali, anke meta l-parti esegwita, ghalkemm mhux accettata, tkun bic-car tiswielu. Il-gurisprudenza nostrali dejjem applikat dan il-principju b’mod litterali, izda, dan l-ahhar, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza “Pace vs Micallef noe”, decisa fil-15 ta’ Dicembru, 2004, osservat li kull ftehim irid jigi applikat skond il-principju tal-bona fede, u mhux lecitu li kreditur jitlob il-penali kollha meta jirrizulta li l-parti kbira tal-obbligazzjoni giet effettwata. Dik l-Onorabbli Qorti espremiet ruhha f’dan il-mod fir-rigward:

*“28. Dan l-aggravju ta’ l-appellant huwa in parti gustifikat. Ma hemm l-ebda dubju ta’ xejn li hemm sproporzjon astronomiku bejn il-quantum ta’ l-inadempjenza tal-konvenut appellant riskontrata bis-sentenza tat-2 ta’ Frar, 1994, u l-quantum tal-penali likwidata fis-sentenza tal-20 ta’ Marzu 1997 bhala kumpens biex taghmel tajjeb ghall-istess inadempjenza. L-istess aggravju huwa wkoll in parti gustifikat ghaliex l-ewwel Qorti, fl-ahhar imsemmija sentenza, applikat ad litteram is-sub-artikolu (1) ta’ l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom, cioe’ pacta sunt servanda. Dik il-Qorti pero’ injorat ghal kollox id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 993 invokata mill-appellant li tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita’, bl-uzu jew bil-ligi. Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta’ ekwita’ kif ukoll ta’ sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b’agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b’dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta’ u tal-logika guridika. Mill-banda l-ohra, l-imsemmi aggravju ta’ l-appellant m’huwiex gustifikat jekk bih l-appellant qieghed jirritjeni li ladarba l-*

*inadempjenza riskontrata fis-sentenza tat-2 ta' Frar, 1994, kienet wahda relattivament minima allura din ghandha tigi injorata mill-Qrati li ghandhom jikkonsidraw il-kaz bhallikieku hu kien kompletament adempjenti fl-obbligi tieghu. Il-hsieb ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hu rifless fil-massima tad-dritt komuni li ghal sekli shah iddomina l-kontinent Ewropew:* ***in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*** *(Dig. 50, 17, 90).*

*"32. Din il-Qorti diga' esprimiet il-fehma li l-kwistjoni ma kienetx regolata biss bl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, izda kienet regolata b'xejn anqas bl-Artikolu 993 ta' l-istess Kodici li jesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Din il-Qorti tistaqsi: l-attur appellat kien qieghed jagixxi bil-bona fidi meta kien qieghed jesigi li l-Qorti tillikwidalu l-penali fl-ammont astronomiku fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf u seba' mitt lira Maltin (Lm136,700), meta z-zewg appalti kienu jiswew komplessivament is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) u meta x-xogholijiet li rrizulta li l-konvenut ma lahaqx lesta kienu erba' partiti li wiehed jista' jqishom bhala kwazi insinifikanti? Din il-Qorti tistaqsi wkoll: ma kellux dover l-attur, bhal kull persuna ohra li tissubbixxi d-danni, li l-istess danni tipprova timminimizzhom kemm jista' jkun? Apparti l-aspett etiku u morali tal-kwistjoni li qed tigi investigata, l-attur jista' jkollu xi gustifikazzjoni li jippretendi li a bazi tac-cirkostanzi u l-fattispeci partikolari ta' dan il-kaz ikollu arrikkiment daqstant eccissivament indebitu bi pregudizzju tal-konvenut?"*

Jista' jinghad li kemm fil-ligi tedesca, (art. 343(1)BGB) kif ukoll f'dik franciza (art. 1152), belgjana (art. 1231CC) u taljana (art. 1382KC), il-legislatur ta' b'mod espress il-poter lil gudikant biex inaqqas il-penali f'kaz li din tirrizulta eccessiva. Il-gurista taljan De Cupis, *"Sulla Riduzione della Penale"* (Edit. 1983), jispjega, f'pagna 236, li t-tnaqqis gudizzjarju isservi u ghandha tiftiehem bhala mizura korrettiva tal-funzjoni punitiva li jista' jkollha tali klawsola, u dan biex jigi evitat abbuz; huwa dmir tal-gudikant li jara li d-drittijiet reklamata ma jigux uzati b'mod li tinholoq ingustizzja.

Interessanti fil-Belgju kif il-Qrati ta' dak il-pajjiz juzaw il-bona fide biex *"jikkoregu"* kaz ta' abbuz lampanti. Fil-ktieb *"Introduction to Belgian Law"* ta' Bocken and DeBondt, gie indikat kif din il-funzjoni ta' bona fide tahdem. Jinghad *a propositu* (f'pagna 234):

*"After the conclusion of a contract, a situation can arise which the parties did not foresee. Hence the contract does not regulate the issue. In such a situation, the standard of good faith applies: the parties must do whatever reasonable persons would do in the same factual situation. In determining how a reasonable person would perform, regard has to be given, inter alia, to the common intention of the parties, the terms, the nature and the purpose of the contract.*

*The complementary function of good faith in principle results in a number of additional commitments, besides the contractual obligations. A driver who has his car repaired by a garage manager, has the obligation not only to pay the price, but also to pick up his car within a reasonable time. A contractor who has received an order to repair a machine and who establishes while performing that the cost of the repairs will exceed the price of a new machine, is under an obligation to directly inform the principal. A garage keeper, who regularly provides for the maintenance of a car of a client, has the obligation to consult the maintenance directives of that particular car on his own initiative, even if the client did not ask for it.*

*The complementary function of good faith deals with a a situation in which the parties did not expressly foresee their respective rights and duties. The starting point of the corrective function is different: now the parties did foresee what would be their rights and duties, but the obligee is acting in a manifestly unreasonable way, so that his use of a contractual right degenerates into an abuse. Abuse of contractual rights is sanctioned by the corrective function of good faith.*

*The criterion of judging over an abuse of rights is, again, the reasonable man placed in the same factual situation.*

*In applying this standard, the judge only disposes of a marginal control. This means that the use of a right can only be qualified as an abuse, if it is manifestly clear, if there is no doubt whatsoever, that a reasonable man would not have acted in the same manner as the defendant".*

Fil-waqt li l-ewwel funzjoni ta' bona fide gieli issib applikazzjoni fid-decisjonijiet tal-Qrati Maltin, il-*"corrective function"* taghha ghad irid jigi zvillupat, ghalkemm bis-sentenza taghha aktar qabel kwotata (“Pace vs Micallef noe”), l-Onorabbli Qorti tal-Appell donnha trid taghti spinta lil din il-funzjoni tal-bona fide. Ta' min josserva wkoll li l-principju ta' *"abuse of rights"* mhux aljen ghall-ordinament guridiku Malti – ara “Cauchi vs Byers”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1995, “Attard vs Xuereb”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1993, u “Saliba vs Cassar”, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn dan il-principju gie accettat fuq l-iskorta tal-gurista taljan, Fadda.

F'din il-kawza, jirrizulta wkoll, mix-xhieda tal-perit Cassar li *"parti sostanzjali"* tax-xoghol kien lest. Meta tqies, *pero'*, li minhabba d-dewmien, is-sid gie mwaqqaf ghal 3 snin qabel ma seta' juza l-bini, il-Qorti, *arbitrio et boni viri*, tillikwida l-penali li jrid jithallas mill-kuntrattur f'ammont ta' Lm25,000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza fl-ismijiet *"Emanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited"*, citazzjoni numru 484/93, billi tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-attur is-somma ta' Lm25,000 (hamsa u ghoxrin elf liri Maltin) *in linea* ta' penali, bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru, 1992, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha, hlief ghal dawk gia decizi, jithallsu kwantu ghall-kwint (1/5) mill-attur, u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------